**Unum Sed Leonem**

# *F'Għeluq il-115 -il sena mindu l-banda 'Leone' ħadet sehem fil-festi esterni ta' San Ġorġ:*

*Succhiare il sangue dei povere donne*
*(A. Tabone, Kaxxier Soċ. Filar. Leone, 1895)*

Mhux l-ewwel darba li xi kittieba kkwotaw dak li kien kiteb dwar il-festa ta' San Ġorġ il-kaxxier tal-banda 'Leone', is-Sur Alessandru Tabone, fir-relazzjoni li kien kiteb lill-Isqof djoċesan nhar is-27 ta' Mejju, 1895. Qed nirreferi għall-frażi ***'la più festa popolare dei paese...'*** sabiex juru li anke s-Soċjetà 'Leone' f'dak iż-żmien kienet tagħraf il-popolarità tal-festa ta' San Ġorġ. Iżda, dokumenti awtentiċi u storiċi u rapporti f'għadd ta' kotba u ġurnali, ferm qabel u anke wara dak li kiteb il-kaxxier tal-banda 'Leone', storikament jgħarrfuna li matul il-medda tas-sekli, ***'kienet u għadha biss il-festa ta' Santa Marija ta' Għawdex, l-aktar u l-akbar festa popolari mhux biss tal-pajjiż, imma wkoll tal-Gżejjer Maltin u magħrufa anki barra mix-xtut Maltin'***. Mil-banda l-oħra minn dokumenti oħra nafu li l-banda 'Leone' weħidha kienet tieħu sehem fil-festa ta' San Ġorġ, kif ser naraw aktar 'il quddiem

Insemmi biss xi dokumenti, dwar il-popolarità tal-festa ta' Santa Marija. Dokument tas-sena, 1398, juri ċar u tond il-popolarità tal-festa, għax f'dik is-sena, il-ħlas taċ-ċnus u l-qbiela, kienu diġà marbuta ma' din il-festa ċċelebrata f'Għawdex. Dan id-dokument konċernat instab fl-arkivju ta' Palermo, fi Sqallija, ***'...sub prefato onore annui census unius salme frumenti ...anno quolibet in perpetuo per eum et suos heredes predictos in festo Assumpcionis gloriose Virginis Marie persolvendo...'*** (Ara, *Documentary Sources of Maltese History Part II,* Documents in the State Archives of Palermo No 1 Cancellareia Reggio 1239-1400 editjat minn Staanley Fiorini pp. 236-238). Dokument ieħor hu dak ta' meta fl-1756 il-Gran Mastru ordna sabiex jiġu mgħassa u protetti d-dgħajjes li kienu jaqsmu bil-Maltin sabiex jassistu għall-festa ta' Santa Marija f'Għawdex. Dan għaliex il-furbani kienu jafu li għadd ta' Maltin kienu jaqsmu għal Għawdex għall-festa ta' Santa Marija u kienu jaħbtu għalihom fi triqthom għal Għawdex.(Ara, *L-Għid tal-Assunta*, 1986, p. 2-4).

Anki ġurnali lokali kemm -il darba rraportaw dwar il-popolarità tal-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Belt Victoria. Id-*Daily Malta Chronicle,* irraporta hekk: *'On equally imposing lines will be the celebrations at Victoria Gozo, which enjoys such a high popularity, that large contingents of people go from Malta to the sister island'* (The Daily Malta Chronicle, 12/8/1927), fejn il-festa ta' Santa Marija tiġi ċċelebrata bil-kbir, *'a large contingents of people for Malta go to Gozo where the festivities at Victoria will be on a large scale'* (*The Daily Malta Chronicle*, 14/8/1925). Ġurnal ieħor jgħid hekk: *'tradizionale e popolare festa di Ferroagosto sarà celebrata con la consueta pompa non sol al Gozo, ma anche in vari casali di Malta'* (*Malta*, 12/8/1930), waqt li f'dawn l-aħħar snin il-ġurnali rrapportaw dwar l-ivażjoni ta' Maltin u barranin li jaqsmu għal Għawdex sabiex jattendu għall-festa ta' Santa Marija.

Iżda ħallina minn dan. Nerġgħu mmorru lura lejn il-festa ta' San Ġorġ. Tajjeb li wieħed isemmi li l-istatwa ta' San Ġorġ li tinsab fil-knisja ma tħallsitx, la mil-knisja ta' San Ġorġ, la mill-komunità tal-Rabat ta' Għawdex - dak in-nhar il-parroċċa ta' San Ġorġ kienet parroċċa suġġettiva, għax kienet għadha magħquda mal-parroċċa tal-Katidral u mmexxija mill-arċipriet tal-Katidral - u lanqas ma tħallset mill-partitarji, la tal-banda 'La Stella' u lanqas mill-partitarji tal-banda 'Leone', għax l-ebda waħda ma kienet għadha teżisti.

Fil-fatt hemm diversi verżjonijiet dwar l-istatwa ta' San Ġorġ. Jaħsbu li kienet ikkommissjonata bħala ex-voto minn persuna li qalgħet grazzja bl-interċessjoni ta' dan il-qaddis (Ara, Bezzina Joseph, *Parish Titular Statues in Gozo*, Gaulitana No 5). Hemm min jgħid li xi ħadd b'wegħda xtaq li jħallas għal statwa ta' San Ġorġ (Ara, *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Għawdex u l-Festi Tagħhom*, Pub. PIN Vol IV, 1994, p. xx), waqt li hemm minn jgħid li din ġiet ordnata u mħallsa minn familja Maltija (Ara, *Heritage*, Nru. 36, p.706). Hemm ukoll min kiteb li t-tradizzjoni Għawdxija temmen li l-istatwa saret b'wegħda għal ħarsien mill-kolera (*Prog. Festa San Ġorġ*, 1982, p. 37).

Iżda, jingħad ukoll li kienet il-familja Spiteri li ordnat u ħallset din l-istatwa. Dawn kienu joqogħdu fl-inħawi ta' Għajn Abdul, f'Santa Luċija, illum limiti ta' Kerċem, iżda dak in-nhar kemm Kerċem kemm il-ħâra ta' Santa Luċija kienu għadhom jagħmlu parti mit-territorju tal-Matriċi u Kolleġġjata tal-Assunta, il-Katidral ta' llum. Il-parroċċa ta' Kerċem saret parroċċa indipendenti fis-sena 1885. Tnejn minn tal-familja Spiteri, jigiferi l-Avukati, Salvatore u Nikola, huma midfuna fil-Katidral ta' Għawdex, u mietu, Salvatore fis-sena, 1846, u Nikola fis-sena, 1875. Il-fatt li Nikola miet f'dar fi Triq ir-Repubblika, dak iż-żmien Strada Corsa, jindika li din il-familja kellha wkoll xi propjetà fil-Belt Victoria. (Ara, Arkivju Parrokkjali Katidral, Għawdex, Lib Def. 1837-189, Reġistru Pubbliku, Għawdex Att tal-Mewt,

Nru 83/1875). L-abbozz tal-istatwa ta' San Ġorġ kien propjetà tagħhom. (Tagħrif mogħti minn Francesca Camilleri Cauchi, illum mejta)



*Id-dar tal-familja Spiteri qrib Għajn Abdul*

Ir-rikors tal-President tal-banda 'Leone' tas-17 ta' Mejju, 1895, jgħarrafna li l-banda 'Leone' weħida kienet tieħu sehem mhux biss fil-festa tal-Madonna tad-Duluri, f'dik tal-Invenzjoni tas-Salib u f'dik tal-Ġimgħa l-Kbira, imma wlkoll kemm f'dik ta' San Ġorġ kemm f'dik ta' Santa Marija, '*...**che per l'addietro le annuali festività di questa parrocchia venivano rallegrate dai concerti musicali della sola Società Il Leone... avrà l'incarico di musica la sola filarmonica Il Leone...***' (Ara, Rikors mibgħut lill-Isqof mill-Onor. Dr Pawlu Sammut, President tal-banda Leone, 17/5/1895)

Iżda fil-bidu tas-sena, 1882, il-porkuratur tal-festa ta' San Ġorġ beda diskussjoni mal-banda 'Leone' dwar is-sehem tal-banda f'din il-festa, għax l-prokuratur ried jaqsam is-servizzi ta' din il-festa, bejn iż-żewġ baned, '***...allo scopo di dividere equalmente i servizzi della stessa festa*** (San Ġorġ) ***tra le due bande suddette...***' (Ara, ittra tal-prokuratur Dun Ġużepp Cremona lill-Isqof datata, 25/5/1895). Jidher ċar li dan seħħ għax kienet għadha kif twaqqfet l-Għaqda Mużikali ***La Stella Vincitrice***,

Il-banda 'Leone' ssuġġeriet li tħallas, għal sena waħda, is-somma ta' £12 u ddoqq weħidha fil-purċissjoni ta' San Ġorġ u flimkien ma' banda oħra filgħaxija. Iżda meta l-membri tal-banda 'Leone' ġew imsejħa, il-prokuratur, tahom jiffirmaw dikjarazzjoni li permezz tagħha ried iġiegħel lill-banda 'Leone' tħallas *inkondizzjonalment* is-somma ta' tnax-il lira u iddoqq lejlet il-festa u fil-purċissjoni ta' San Ġorġ.

Il-President tal-banda 'Leone', Dr. Isidoru Xuereb, akkumpanjat mis-Sur Ġużeppi Bondì, kien lest li jħallas din issomma IŻDA dehrlu li ma kellhomx iħallsu meta LEĠITTIMAMENT il-banda ma setgħetx iddoqq kawża ta' maltemp jew raġunijiet oħra, '***...per mezzo di essa (id-dikjarazzjoni) si voleva obbligare la banda Leone di suonare nella vigilia e nella processionee a pagare al suddetto Procuratore incondizionalmente la somma di £12 – ciò è anche qualora per cattivo tempo o altre fosse impedita dal suonare...***' (Ara, Rikors A. Tabone f'isem il-bana Leone, mibgħut lill-Isqof nhar is-27/5/1895) Ta' min jgħid li f'dawk iż-żminijiet il-festa ta' San Ġorġ kienet issir f'April jew f'Mejju u mhux l-ewwel darba li tħassar kollox minħabba x-xita. Minħabba f'hekk fis-sena 1953 il-festi ta' San Ġorġ ġew trasferiti għat-tielet Ħadd ta' Lulju. (Ara, Bezzina John, *Siltiet mill-Ġrajjiet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, p. 21)*



*Silta mir-Rikors ta' Alessandru Tabone datat 27 ta' Mejju 1895*

Iżda waqt li t-taħditiet kienu għadhom sejrin, '***... ma non si erano troncatte le trattative...***', (Ara, Rikors A. Tabone, f'isem il-banda Leone mibgħut lill-Isqof nhar is-27/5/1895) il-prokuratur tal-festa ta' San Ġorġ, Dun Ġużepp Mercieca, permezz ta' att nutarili, nhar l-20 ta' April, 1882, tan-Nutar Onorato Giovanni Refalo, ta l-fakultà lil tliet negozjatni jew traffikatni sabiex, għal żmien sitt snin, jagħżlu huma r-reffiegħa tal-istatwa u jagħżlu wkoll il-banda li tieħu sehem waqt il-purċissjoni, '***...che il Signor Sacerdote Mercieca a nome suddetto concede ed accordo tutte le facoltà di poter, per tempo d'anni sei, ...di portare annualmente la statua del Glorioso San Giorgio Martire nella Sollenne Processione – con quell'unica banda musicale che piacerà ai suddetti Cassar e Grech...***', waqt li żamm id-dritt li seta' jorndna baned oħra jieħdu sehem, '***...in compagnia dalla banda musicale... commandata dal Signor Sacerdote Mercieca...***' (Ara, Att Nutar Onor. Giovanni Refalo, 29/4/1882, Art.1)



*Silta mil-kuntratt tan-Nutar Onorato G. Refalo, datat 20/4/1882*

Dawn it-traffikanti jew negozjanti kienu obbligati jagħtu s-somma ta' ħamsin lira Sterlina lill-prokuratur, ***'...come sopra si sono obbligati come s'obbligano dare e pagare al Signor Sacerdote Don Giuseppe Mercieca a nome suddetto la somma di lire Sterline Cinquanta...'***. F'dan il-att insibu li l-flus li kellhom jibdew jitħallsu minn wara l-festa tas-sena 1883 bir-rata ta' £12 u nofs fis-sena sakemm titħallas is-somma ta' £50, ***'...alla ragione di lire sterline dodici e scellini dieci l'anno incomminciando parte il primo pagamento l-indomani della Solenne Festività del Glorioso San Giorgio Martire, dell'anno... Mille Ottocento ottanta tre...'*** (Ara, Att Nutar Onor. Giovannni Refalo 20/4/1882, Art. 4) u li l-prokuratur ma setax jagħmel oppożizzjoni lil dawk in-negozjanti fir-rigward tal-ġbir tal-flus in konnessjoni mal-festa ta' San Ġorġ, ***'...Signor Sacerdote Mercieca a nome suddetto non potrà fare alcuna opposizione di tale raccolta...'*** (Ara, Att Nutar Onor. Giovanni Refalo, 20/4/1882, Art. 5) Tajjeb li wieħed ikun jaf li dawn it-tliet traffikanti li dehru fuq dan l-att kienu tliet negozjanti tal-bizzilla (Ara, Prog. Festa San Ġorġ, 1982, p. 41).

Iżda, wara li skada il-perjodu indikat fil-kuntratt, il-prokuratur kompla jsejjaħ lil-banda 'La Stella' sabiex tieħu sehem fil-festa ta' San Ġorġ u lill-banda 'Leone' ħallieha barra ***'...La Stella di circa 14 anni è chiamata ogni anno dal Procutatore a suonare nella festa di San Giorgio M.'*** (Ara Ittra li l-prokuratur Dun Ġużepp Cremona bagħat lill-Isqof nhar 25/5/1895). Dan minkejja l-fatt li ż-żmien stipulat fil-kuntratt kien skada u għalhekk l-ipotesi tal-Prokuratur ma kenitx valida, ***'...la predetta ipotesi il Procuratore è giustificato solo per tempo in cui rimanere in vigore il detto contratto...'*** (Ara, Rikors minn A.Tabone f'isem il-banda Leone, mibgħut lill-Isqof nhar is-27/5/1895)



Silta mir-Rikors ta' Alessandru Tabone
datat 27 ta' Mejju 1895

Dan wassal sabiex fis-sena, 1895, il-banda 'Leone' tikteb lill-Isqof Djoċesan sabiex issir ġustizzja kemm mal-banda 'Leone' kemm mal-partitarji tagħha għax il-partitarji tal-banda 'Leone' kienu ċittadini u parruċċani ta' San Ġorġ daqs il-partitarji tal-banda 'La Stella': '...***e con quella giustizia ed imparzialità che sempre distinguano gli atti dello spirituale Governo di V.E. possa decidere se la Società Il Leone debba rimanere sempre o no preclusa dal prender parte... che tanto i membri della Società Filarm. Il Leone quanto i loro aderenti sono cittadini e parrocchiani della Citta' e Parrocchia Vittoria quanto e come sono quelli della Stella...'*** (Ara, Rikors A. Tabone f'isem il-banda Leone mibgħut lill-Isqof nhar is-27/5/1895).

Il-prokuratur tal-festa ta' San Ġorġ, Dun Ġużepp Cremona, fl-ittra li kiteb lill-Isqof għarrafna li s-Soċjetà Filarmonika 'La Stella' u l-partitarji tagħha kienu ikkontribwew mhux anqas minn mitejn lira lilll-knisja ta' San Ġorġ, ***'...di fatti La Stella ed i soui aderenti in piu volte per vero benessere della chiesa di San Giorgio piu di lire sterline 200...'*** (Ara. Prog. Festa Sam Ġorġ, Għawdex, 1994, p. 19). Il-prokuratur kompla billi kiteb li kemm il-banda 'La Stella' kemm il-partitarji tagħha għandhom il-veru ġid tal-knisja, u li ta' kull sena partitarji tal-banda 'La Stella' jagħtu regolarmnent somom konsiderevoli ta' flus lill-knisja u li jekk jinbidel is-sehem tal-banda, dawn il-kontribuzzjonijiet jispiċċaw għax mill-esperjenza li kellu l-prokuratur, is-Soċjetà 'Leone' ma kinetx kapaċi tagħmilhom, tant li wasal għall-konklużjoni li bil-parteċipazzjoni tal-banda 'Leone' fil-festa ta' San Ġorġ tbati kemm il-festa ta' San Ġorġ kemm il-knisja ta' San Ġorġ, ***'...vari aderenti alla 'Stella' contiunuano a versare ogni anno generose somme...'*** (Prog. Festa San Ġorġ, Għawdex, 1994, p. 19). Iżda meta rrakkonta dwar il-banda 'Leone' deffes fin-nofs il-festa ta' San Luigi sabiex permezz ta' hekk jinfluwenza lill-Isqof meta din il-festa la kien prokuratur tagħha u l-anqas ma kienet tiġi ċċelebrata fil-knisja ta' San Ġorġ. Intant, il-prokuratur ta' San Ġorġ, ma ċaħadx li l-partitarju tal-banda 'Leone' kienu ċittadini u parruċċani ta' San Ġorġ daqs kemm kienu l-partitarji tal-banda 'La Stella'. Għalhekk, bħala ċittadini u parruċċani ta' San Ġorġ huma wkoll ikkontribwew il-flus kemm għall-festa kemm għall-knisja ta' San Ġorġ bħalma spjega tajjeb is-Sur A. Tabone fir-rikors tiegħu. Intant, l-istorja tgħarrafna li matul is-snin, partitarji tal-banda 'Leone' ikkontribwew il-flus kemm għall-festa kemm għall-opri fil-knisja ta' San Ġorġ, u biex insemmi wieħed biss, ngħid li l-eks kaxxier tal-banda 'Leone', is-Sur Joseph T. Zammit, fil-bidu tas-snin ħamsin tas-seklu li għadda, ħalla legat favur l-altar ta' San Ġużepp, li jinsab fil-knisja ta' San Ġorġ, (Ara, Il-Belt Victoria, Lulju/ Awwissu, 2009, p. 7), waqt li anki llum għadhom jaqgħu fuq partitarji tal-banda 'Leone' sabiex jikkontribwixxu għall-festa ta' San Ġorġ.

Iżda mill-ittra tal-kaxxier tal-banda 'Leone', is-Sur A. Tabone, datata 27 ta' Mejju, 1895, lill-Isqof turina ċar ta' kif il-flus imsemmija mill-prokuratur kienu jiġu miġbura u mgħoddija lill-prokuratur tal-festa ta' San Ġorġ. Is-Sur Tabone għarraf lill-Isqof li kienu jikkontribwixxu mhux biss partitarji taż-żewġ partiti tal-baned 'Leone' u 'La Stella', imma wkoll oħrajn li ma kellhom x'jaqsmu xejn magħhom, jiġifieri mill-parroċċi tal-irħula, ***'...e' vero che la Società La Stella ed aderenti avvantaggiorono la chiesa di S. Giorgio, ma merce' la loro cooperazione e non***

***gia' merce' lo sborso di £200. Questa somma e' il frutto del sudore versato su' e' merletti di povere donne appartenenti all'uno ed all'altro partito o a nessuno di essi...'***. Is-Sur Tabone kompla li ħafna huma dwak li jistgħu jixhdu dan, u semma' li kien hemm nisa li kienu sforzati jħallsu sitt soldi minn kull lira mill-bejgħ tal-bizzilla. Semma wkoll li kien hemm nisa mill-irħula li rrifjutaw li jagħtu flus lill-kompratur tal-bizzilla għall-festa ta' San Ġorġ, għax il-kappillan tal-parroċċa qalilhom li ma kienx pjaċir tal-Isqof li n-nisa fqar jħallsu taxxi bħal dawn, ***'... mille testimonai e mille sorsi a citare, occorrendo tra i quali: una donna alla quale forzamente furono trattenuti -/6d al un lira una, prezzo di un merletto – un'altra donna di un casale, rifiutando di pagare un soldo o piu per la festività di S. Giorgio ad un compratore di merletti, per la ragione che il Parrocco del suo casale avveva detto ai suoi parrocchiani che non era piacere di Sua E. Mons Vescovo che i poveri pagassero tasse simile - ebbe per risposta: "Dunque andate a vendere i vostri merletti al Vescovo"...'*** (Ara, Rikors ta' A. Tabone f'isem il-banda Leone mibgħut lill-Isqof nhar is-27/5/1895). Ta' min jgħid li f'dawk iż-żminijiet il-paga ta' porter jew kok fl-isptar ta' Għawdex kienet ta' £5 fis-sena, inqas minn żewġ xelini fil-ġimgħa. Tajjeb jingħad li lira kien fiha 20 xelin jew inkella 240 sold, waqt li xelin kien fih 12-il sold. Fi flus ta' llum £1 tiswa EUR 2.33.


Mille testimoni e mille sorsi a citare, occor-
rendo; tra i quali: una donna alla
quale
quale forzatamente furono trattenuti -/6 al un
lira una, prezzo di un merletto – un'altra
donna di un casale, rifiutando di pagare un
soldo o più per la festività di S. Giorgio ad un compra-
tore di merletti, per la ragione che il Parroco del
suo casale aveva detto ai suoi parrocchiani che non
era piacere di Sua E. Mons. Vescovo che i poveri pa-
gassero tasse simili – ebbe per risposta: "Dunque
andate a vendere i vostri merletti al Vescovo".

*Silta mir-Rikors ta' Alessandru Tabone datat 27 ta' Mejju 1895*

Dwar il-£200 imsemmija mill-porkuratur is-Sur A. Tabone wieġeb li s-Soċjetà 'Leone' kienet lesta li tagħti dawk il-flus imsemmija a vantaġġ tal-knisja ta' San Ġorġ mingħajr il-bżonn u l-ħtieġa li jsiffu jew jerdgħu d-demm tan-nisa fqar, ***'...D'altromode le £200 corrisponderebbero alla miseria di poche lire all'anno La Società Il Leone e aderenti sarebbero pronti a recare alla chiesa di S. Giorgio vantaggio maggiori, senza la necessità di succhiare il sangue dei povere donne...'*** (Ara, Rikors iffirmat A. Tabone f'isem il-banda Leone, mibgħut lill-Isqof nhar is-27/5/1895).


D'altromode le £200 corrisponderebbero
alla miseria di poche lire all'anno La Società
'Il Leone' e aderenti sarebbero pronti a recare alla
chiesa di S. Giorgio vantaggi maggiori, senza
la necessità di succhiare il sangue delle
povere donne

*Silta mir-Rikors ta' Alessandru Tabone datat 27 ta' Mejju 1895*

Ir-rikors tas-Soċetà 'Leone' ħalla l-frott għax fil-festa ta' San Ġorġ tas-sena, 1896, 115 –il sena ilu, ħadu sehem kemm il-banda 'Leone' kemm il-banda 'La Stella', waqt li l-post u l-ġranet ta' meta u fejn kellhom idoqqu kienu ġew ipprogrammati mis-Supretendent tal-pulizija, u minn ebda entità oħra. Wara ħafna kunsultazzjoniiet kemm mal-Onor Sammut u ma' Dr Pace, għax l-Isqof irrifjuta li jinterveni, is-Supretendent ippreżenta programm li seta jisodisfa liż-żewġ baned. ***'...after repeated visits from The Hon. Sammut and Dr Pace of Gozo and after in vain consulting the Bishop who refused in any way to interfere, I decided on a compromise which, as far as possible satisfy both parties...'*** Għalhekk huwa irranġa u ħareġ il-permessi sabiex, ***'...I arranged for the 'Stella' to accompany the procession, to play in the Principal Square during the 'triduum' on the eve and the day of the Feast. The other band, the 'Leone' was to play a march through the streets on the day of the Festa and also to play in Piazza Sabina during the same 5 days...'*** (Ara, ittra datata 17/4/1896 lis-Segretarju Ewlieni tal-Gvern mis-Supredendent tal-Pulizija, C. La Primaudaye).


beyond the religious observances. Consequently I ar-
ranged for the Stella to accompany the procession, to
play in the principal Square during the 'triduum' on the
eve and the day of the Festa and to play a march on
the eve of the Festa. The other band, the "Leone" was
to play a march through the streets on the day of the
Festa and also to play in Piazza Sabina during the same
5 days. The site of the platforms were to be selected
by the Police and to be as far apart as possible. I am

*Silta mill-ittra tas-Supretendent tal-Puluzija C. Primaudaye*

Iżda, kif jidher mil-programm, il-marċ li kellha tagħmel il-banda 'Leone' f'nhar il-festa, kien ipparagunat mas-sehem tal-banda 'La Stella' fil-purċissjoni. Dan il-marċ kellu oppożizzjoni kbira sabiex ma jsirx, waqt li jdher ukoll li anki l-akkumpajnament tal-banda 'La Stella' mal-purċissjoni kellha wkoll l-oppożizzjoni. Tant li dan wassal lill-Isqof jikteb lill-Sir Gerald Stricland, Segretarju Ewwlieni tal-Gvern, sabiex jieħu l-opportunità u jikkanċella l-marċ li kellha tagħmel il-banda 'Leone' għax il-prokuratur

ma kien ser jistieden l-ebda banda biex takkumpanja l-purċissjoni ta' San Ġorġ, *'...**protebbero pero' presentare facile occasione di erarli il march nel di festivo e l'accompangno della banda nella processione. Per questa ragione il Procuratore non intende invitare alcuna per accompagnarla; e sarebbe desiderabile che neppur la Polizia permettasse il detto march...**'* (Ara, ittra datata 22/4/1896, mibgħuta lil Sir Gerald Strickland, mill-Isqof ta' Għawdex.) Fil-fatt minn dik is-sena l-Isqof ipprojbixxa l-akkumpanjament tas-sehem tal-banda mil-purċissjoni ta' San Ġorġ, u għalhekk wieħed jassumi li lanqas il-marċ ma sar mill-banda 'Leone', iżda l-baned daqqew, 'La Stella' fi Pjazza t-Tokk, u 'Leone' fi Pjazza Savina. (Ara: Id-Devot ta' Marija, Ġunju, 1896)


Protebbero però presentare facile occasione di erarli il march nel di festivo e l'accompagno della banda nella processione. Per questa ragione il Procuratore non intende invitare alcuna della due banda per accompagnarla; e sarebbe desiderabile che neppur la Polizia permettasse il detto march.

*Silta mill-ittra tal-Isqof t'Għawdex datata 22/4/1896*

Il-kummenti fl-ittra tiegħu lil Sir Gerald Strickland, Segretarju Ewlieni tal-Gvern, is-Supretendent tal-Pulizija, is-Sur C. La Primaudaye, barra li jindika li l-Isqof ma riedx jindaħal fil-kwistjoni u l-kumment dwar l-awtorità ekkleżjastika t'Għawdex, jiġifieri, *'**it seems to be a curious commentary on the religious influence of the feast that the civil power has to intervene to preserve the peace. The maintenance of order rests a good deal, in the first instance, in the hands of His Grace the Bishop of Gozo, and of the reverend gentleman acting as procurator...**'*


It seems to be a curious commentary on the religious inflence of the festa that the civil power has to intervene to preserve the peace. The maintenance of ord r rests a good deal, in the first instance, in th hands of His Grace the Bishop of Gozo, and of the reverend gentleman acting as procurator.

*Silta mill-ittra tas-Supretendent tal-Puluzija C. Primaudaye*

u l-kumment, *'**...the Band of the 'Stella' has the patronage of the procurator...**'* huma xhiedha ċara dwar l-inġustizzja li kienet qed issir mal-banda 'Leone' u l-partitarji tagħha.(Ara Ittra datata 17/4/1896, lis-Segretarju Ewlieni tal-Gvern mis-Supretendent tal-Pulizija, C. La Primaudaye).

Il-kummenti tas-Supretendent tal-Pulizija, flimkien mad-dettalji l-oħra, juru fid-dieher l-inġustizzja kbira li kienet qed issir kemm mal-banda 'Leone' kemm mal-partitarji tagħha. Hija ħasra li kellu jkun l-indħil tal-awtorità ċivili li wasslet lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi jikkoreġu din l-inġustizzja. Hija ħasra wkoll li fis-sena, 2005, reġa' kellha tkun l-awtorità ċivili biex ma jinkisirx il-ftehim li kien sar fis-sena, 1976, dwar il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Belt Victoria li l-firmatirji tiegħu huma, l-awtorità ekkleżjastika, u ż-żewġ baned tal-Belt Victoria.

***Kjarifika***

*Fl-artiklu: **Hija 'La Stella' il-fergħa u 'Tal-Ljun' hija s-siġra mnejn 'La Stella' ħarġet**, ippubblikat f'dan il-ktejjeb programm tas-sena l-oħra ser nikkjarifika dan li ġej:*

*i) paġ. 111, is-sena tal-mewt indikata taħt ir-ritratt ta' Ġorġ Tabone trid tiġi 1916 u mhux 1816;*

*ii) paġ. 117, id-data taħt il-silta tal-kuntratt tan-nutar Carmelo Gauci trid tiġi 6/2/1881 u mhux 6/1/1881;*

*iii) paġ. 113, Kol. 2, vers 22 bi żvista flok il-bandist Vincenzo Borg (tal-Ħaxix) tniżżel Salvu Xuereb (ta' Gejzu).*

***Unum Sed Leonem***

